**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 173/07VG**

**Medtravel Company Limited**

**Vs**

**Alexander Camilleri**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Medtravel Company Limited fl-14 ta' Gunju 2007 permezz ta' liema titlob li Alexander Camilleri jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn tmien mija u sittax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2,816.50), illum ekwivalenti ghal €6,560.68, rapprezentanti servizzi ta' vjaggar u assigurazzjoni forniti lilu, self brevi manu moghti lilu u hlas mghoddi lil terzi fuq ordni tieghu stess, liema ammonti ma gewx minnu lilha refuzji minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas; bl-imghax kummercjali dekoribbli mid-data ta' meta nghataw is-servizzi u/jew il-flus sad-data ta' l-effettiv pagament u l-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru pprezentati fis-6 ta' Gunju 2007 u ta' l-ittra legali datata 3 ta' Gunju 2007, kontra Alexander Camilleri;

Rat ir-Risposta ta' Alexander Camilleri permezz ta' liema jeccepixxi illi: (a) fl-ewwel lok is-socjetà attrici trid tiddikjara u tiddistingwi liema mis-somma li qed tintalab tirrapprezenta servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni u liema huwa allegatament self brevi manu; (b) in kwantu rigwarda dak pretiz bhala servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni, huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-ammont relattiv mhux dovut minnu imma minn Paul Wadsworth ta' nazzjonalità Irlandiza u hu fl-ebda hin ma kkostitwixxa lilu nnifsu garanti ghal xi hlasijiet li kellu jaghmel dan Paul Wadsworth, b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (c) ma huwiex minnu li kien hemm xi self brevi manu moghti lilu izda huwa minnu li Lm200, illum ekwivalenti ghal €465.87,

mis-somma mitluba huma dovuti minnu lis-socjetà attrici ghal biljetti ta' l-ajru u assikurazzjoni mixtrija minnu personalment; u (d) ghall-bqija, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu respinti, b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri;

Semghet ix-xhieda ta' Claudette Mifsud moghtija waqt is-seduti tat-30 ta' April 2008[1], tal-5 ta' Frar 2009[2], tal-25 ta' Novembru 2010[3] u tal-31 ta' Jannar 2012[4], semghet ix-xhieda ta' Elton Borg moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Mejju 2008[5] u tat-12 ta' Gunju 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "EB" u Dok. "EB1" a fol. 24 u 25 tal-process, smeghet ix-xhieda ta' Anthony Vassallo moghtija waqt is-seduti ta-27 ta' Mejju 2008[7] u tat-8 ta' Mejju 2012[8] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AV1" a fol. 125 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici, fosthom affidavit ta' Claudette Mifsud, permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Jannar 2009 a fol. 31 sa' 84 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Gunju 2010[9], tal-11 ta' Ottubru 2010[10], tat-3 ta' Frar 2011[11] u ta' l-14 ta' Jannar 2013[12], rat id-dokumenti markati Dok. "AT1" esebiti waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2011 a fol. 106 u 107 tal-process u rat l-affidavit tal-konvenut esebit permezz ta' Nota ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2011 a fol. 113 sa' 117 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 154 sa' 161 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut a fol. 167 sa' 170 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma komplessiva ta' Lm2,816.50, illum ekwivalenti ghal €6,560.68, rapprezentanti servizzi ta' vjaggar u assigurazzjoni fornuti lilu, self brevi manu moghti lilu u hlas mghoddi lil terzi fuq ordni tieghu stess, liema ammonti baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas. Mix-xhieda moghtija minn Claudette Mifsud waqt is-seduta tat-30 ta' April 2008[13], jirrizulta li s-somma komplessiva ta' Lm2,816.50 tikkonsisti: (a) fis-somma ta' Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75, rapprezentanti l-bilanc tas-self brevi manu moghti lill-konvenut; (b) fis-somma ta' Lm270, illum

[1] Fol. 15 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 86 sa' 88 tal-process.
[3] Fol. 102 sa' 104 tal-process.
[4] Fol. 119 sa' 122 tal-process.
[5] Fol. 20 sa' 23 tal-process.
[6] Fol. 131 sa' 133 tal-process.
[7] Fol. 27 sa' 29 tal-process.
[8] Fol. 126 sa' 129 tal-process.
[9] Fol. 93 sa' 96 tal-process.
[10] Fol. 98 sa' 100 tal-process.
[11] Fol. 108 u 109 tal-process.
[12] Fol. 136 sa' 150 tal-process.
[13] Fol. 15 sa' 18 tal-process.

ekwivalenti ghal €628.93, rapprezentanti servizzi ta' vjaggar u assigurazzjoni provduti lill-konvenut; u (c) fis-somma ta' Lm2,130, illum ekwivalenti ghal €4,961.56, rapprezentanti hlas effettwat lil certu Paul Wadsworth, skontha fuq ordni u struzzjonijiet tal-konvenut.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (a) fl-ewwel lok is-socjetà attrici trid tiddikjara u tiddistingwi liema mis-somma li qed tintalab tirrapprezenta servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni u liema huwa allegatament self brevi manu; (b) in kwantu rigwarda dak pretiz bhala servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni, huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-ammont relattiv mhux dovut minnu imma minn Paul Wadsworth ta' nazzjonalità Irlandiza u hu fl-ebda hin ma kkostitwixxa lilu nnifsu garanti ghal xi hlasijiet li kellu jaghmel dan Paul Wadsworth, b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (c) ma huwiex minnu li kien hemm xi self brevi manu moghti lilu izda huwa minnu li Lm200, illum ekwivalenti ghal €465.87, mis-somma mitluba huma dovuti minnu lis-socjetà attrici ghal biljetti ta' l-ajru u assikurazzjoni mixtrija minnu personalment; u (d) ghall-bqija, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu respinti, b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tinsab pjenament sodisfatta bix-xhieda li tat Claudette Mifsud waqt is-seduta tat-30 ta' April 2008 kif ukoll bid-dokumenti Dok. "EB" u Dok. EB1" a fol. 24 u 25 tal-process. In effetti l-*quantum* tad-diversi ammonti li flimkien jammontaw ghal Lm2,816.50, kif moghti minn Claudette Mifsud ma gie bl-ebda mod kontestat mill-konvenut, anzi huwa ddikkjara w ammetta li l-ammont rapprezentanti servizzi ta' vjaggar u assigurazzjoni provduti lilu stess, ossia s-somma ta' Lm270.00, huwa fil-fatt minnu dovut lis-socjetà attrici. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Fid-dawl tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut, ghall-inqas in parte, u tax-xhieda moghtija minnu waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2010[14], fejn kif già osservat ammetta li s-somma ta' Lm270 hija minnu dovuta lis-socjetà attrici ghal servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni provduti lilu personalment[15], ma hemmx dubju illi l-konvenut huwa fil-fatt debitur tas-socjetà attrici fis-somma ta' Lm270, illum ekwivalenti ghal €628.93, u tali somma ghandha tigi minnu imhallsa lill-imsemmija socjetà.

Fid-dawl ta' dan appena osservat jifdal ghalhekk li jigu trattati r-rimanenti ammonti u konsegwenti kwistjonijiet formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri ossia: (i) is-somma ta' Lm400 rapprezentanti bilanc ta' self brevi manu skont is-socjetà attrici moghti lill-konvenut; u (ii) is-somma ta' Lm2,130 imhallsa lil Paul Wadsworth, skont is-socjetà attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

---

14 Fol. 93 sa' 96 tal-process.
15 Vide traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 95 u 96 tal-process.

In kwantu rigwarda s-self brevi manu li s-socjetà attrici tikkontendi li nghata lill-konvenut, l-istess konvenut jichad li huwa qatt inghata somma flus b'titolu ta' self.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2010[16], il-konvenut ghall-ewwel iddikjara li s-socjetà attrici kienet hallsitu s-somma ta' Lm500 bhala commission talli kien ressqilha diversi nies biex juzaw is-servizzi taghha – *ir-relazzjoni bejni u bejn is-socjetà attrici kienet fis-sens li billi din is-socjetà hija travel agency jiena kont inressqilhom ix-xoghol u ghax-xoghol li jiena kont nipprovdilhom huma kienu jhallsuni commission. Fil-fatt dan ic-cekk li ghadni kif ghamilt referenza ghalih* (cheque a fol. 24 tal-process) *huwa appuntu wiehed minn dawn il-hlasijiet li jiena kont nircievi ghax-xoghol li kont inressqilhom. Jiena rrid nghid li mas-socjetà attrici jiena kelli diversi negozji fis-sens li ressaqtilhom nies ghall-ivvjaggar iktar minn darba però rrid nghid li ghalkemm* ***il-hlas kien jirreferi ghalih dan ic-cekk kien commission ghall-fatt li ressaqtilhom in-nies***[17]*, irrid nippreciza li fil-fatt dan ic-cekk inghata lili qabel ma jiena bdejt in-negozju tieghi mas-socjetà attrici.* Izda imbaghad iddikjara li tali somma nghatat lilu minn Anthony Vassallo, *General Manager* tas-socjetà attrici, bhala forma ta' ghajnuna biex huwa, ossia l-konvenut, ikun jista' jiftah ufficcju tieghu hawn Malta. Fir-rigward il-konvenut iddikjara *jiena rrid nghid li dawn l-elf lira* (is-somma li skontu originarjament ried jaghtih Anthony Vassallo) ***ma kienux slef, imma flus li hu tani***[18]*. Jiena irrid nghid li c-cekk li hemm esebit fil-process* (a fol. 24 tal-process) ***kien inghata lili bhala forma ta' inkoraggiment mis-socjetà attrici biex inressqilhom ix-xoghol. … Jiena nghid li dana kieku kien self jiena zgur ma kontx nintriga ghal dawn il-flus u ma kontx naccettahom. Jiena rrid nghid li c-cekk accettajtu izda ma saqsejthomx ghalfejn kienu qed jaghtuhomli. Jiena rrid nikkoregi ruhi fis-sens illi l-ammont li hemm f'dak ic-cekk li hemm esebit a fol. 24 tal-process inghata lili verso l-ufficju li ridt niftah hawn Malta u mhux bhala inkoraggiment biex is-socjetà attrici ngibilha n-nies. Nerga' nghid li dan ic-cekk inghata lili bhala ghajnuna biex inkun nista' nistabilixxi l-ufficcju tieghi hawn Malta***[19]. Fl-affidavit[20] tieghu però il-konvenut jerga' jbiddel il-versjoni dwar in-natura ta' dan il-hlas u fil-fatt iddikjara li *huwa veru li darba fost l-ohrajn ghidt lis-Sur Vassallo li kont imhajjar niftah ufficcju hawn Malta sabiex meta nkun hawn inkun nista' nahdem aktar komdu u mill-ewwel offra l-ghajnuna tieghu* ***u staqsieni kemm irrid flus bhala rikonoxximent***[21]***.*** *Jiena staqsejtu jekk kienx kuntent bix-xoghol li qed inressaqlu u dlonk offrieli elf Lira Maltin li jiena ghidtlu li kienu wisq u staqsieni jekk kontx inkun kuntent bis-somma ta'*

---

[16] Fol. 93 sa' 96 tal-process.
[17] Enfasi tal-Qorti.
[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Enfasi tal-Qorti.
[20] Fol. 114 sa' 117 tal-process.
[21] Enfasi tal-Qorti.

*hames mija Maltin li jiena accettajt u huwa veru u minnu li ghamilli cekk ta' hames mitt lira Maltin dak il-hin. Jiena iddepozitajt dan ic-cekk fil-kont tieghi ftit taz-zmien wara.* Meta xehed in kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2013[22], il-konvenut rega' ta diversi ragunijiet ghalfejn skontu nghata s-somma ta' Lm500 minn Anthony Vassallo. Ghall-ewwel, fuq domanda tal-Qorti ghalfejn inghata s-somma ta' Lm500, il-konvenut irrisponda ***mhux ghax ingibilhom ix-xoghol***[23]. Mistoqsi ulterjorment mill-Qorti ***jigifieri bhala forma ta' kumpens jew rigal?*** il-konvenut irrisponda ***iva***[24] w in risposta ghad-domanda *kif jista' jkun rigal jekk kont ghadek ma gibtilhom l-ebda xoghol sa' dak iz-zmien?* il-konvenut irrisponda ***huma jafu kemm jiena kelli xoghol u gibtilhom ix-xoghol u gibtilhom mhux ftit xoghol imma hafna***[25]. Ghar-rimarka *x-xhieda kollha tas-socjetà attrici qalu illi dawn il-flus li nghataw lilek inghataw lilek bi skop ta' self biex inti ghandu jkun kont se tixtri ufficcju, ridt tiftah ufficcju ghax ma ridtx tahdem iktar mid-dar u ridt illi jkollok bazi minn fejn tahdem u bhala incentiva l-kumpannija attrici ghaddietlek dan l-ammont ta' flus biex inti tkun tista' jkollok bazi, bl-intiza li imbaghad tirritorna l-flus iktar tard u fil-fatt irritornajt parti minnhom biss,* il-konvenut wiegeb *urejt ix-xoghol meta kelli mas-Sur Vassallo illi vera nixtieq niftah ufficcju biex speci jkolli bazi, nikkjarifika, però, il-500 lili ma tawhomlix f'self.* ***Il-500 inghataw tax-xoghol u anke jiena talli lil Claudette, lis-Sinjorina Mifsud, jiena s-Sur Vassallo kien qalli, jiena rrid nibda, qalli ara jekk tafx lil xi hadd halli rrawwimha din il-kumpanija***[26]. Ghall-mistoqsijiet *jigifieri l-500 tax-xoghol li kont ghadek ma' ghamiltx tawhomlok, hekk bl-amment?* u *bhala incentiva jigifieri?* il-konvenut wiegeb ***jiena s-Sur Vassallo kien avvicinani, qalli ghadni kif hadt dan l-ufficcju, iltqajt mieghu u kien jaf li s-Sur Vassallo kemm nista' ngiblu nies jiena u tkellimna kemm nista' ngiblu nies lis-Sur Vassallo. Lis-Sinjorina Claudette Mifsud kont naghtiha xoghol qabel meta kienet tahdem go kumpanija ohra fejn kellha l-ufficcju taghha Rahal Gdid. ... lis-Sinjorina Mifsud, jien ressaqtha mas-Sur Vassallo u immedjatament marret tahdem mieghu***[27]. In risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti *imma dawn il-500 tahomlok tax-xoghol li ghamiltlu, tahomlok talli ressaqt lil Claudette Mifsud biex tahdem maghhom, tahomlok bhala incentiva? X'kienet ir-raguni?* il-konvenut wiegeb *bdejna nitkellmu kif qal hu li habib tieghu. Jiena sinceramente sa' llum ma nafx ghalfejn graw dawn l-affarijiet, però, altrimenti.* ***Jiena meta ltqajt mas-Sur Vassallo qalli ara x'ghandek bzonn u nghinek. Ghidtlu jiena l-unika haga hi li nixtieq niftah ufficcju. Niftakar li fl-ufficcju qabbad lis-Sur Borg, qallu 'ghamillu cheque ta' Lm1,000', ghidtlu 'Lm1,000 m'ghandix bzonnhom', jien sincerament u ghamilli cheque ta' Lm500 li accettajt, hadt u ddepozitajt***.

---

[22] Fol. 136 sa' 150 tal-process.
[23] Enfasi tal-Qorti.
[24] Enfasi tal-Qorti.
[25] Enfasi tal-Qorti.
[26] Enfasi tal-Qorti.
[27] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl ta' dawn il-varji versjonijiet moghtija mill-konvenut dwar in-natura tas-somma ta' Lm500 moghtija lilu minn Anthony Vassallo, li invece konsistentement iddikjara li dawk il-Lm500 kienu self li huwa ta lill-konvenut[28], fatt dan ikkoroborat minn Elton Borg[29], il-Qorti hija iktar propensa li tikkonkludi li fil-fatt is-somma ta' Lm500 inghatat lill-konvenut bhala self brevi manu u mhux bhala commission jew rigal jew rikonoxximent jew ghajnuna. Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Woodall v. Anthony Rapa, Appell Civili Nru. 1068/96** deciza fid-19 ta' Novembru 2001: *fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed oneruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpreazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. F'dan il-kaz hu manifest illi wiehed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux il-prova tal-liberalità tramite donazzjoni. Titolu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruza u certa minn dik rikjesta fil-kaz tat-titolu ta' self.*

Nonostante tali konkluzzjoni però il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li c-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm500 lill-konvenut, esebit bhala Dok. "EB" a fol. 24 tal-process, huwa cheque mahrug mis-socjetà Medsea Shipping Agency Ltd. u mhux mis-socjetà attrici Medtravel Co. Ltd. Dan il-fatt ingab a konjizzjoni ta' Elton Borg waqt il-kontro-ezami tieghu li però iggustifika tali fatt bis-semplici risposta li *huma zewg kumpaniji differenti, però ta' l-istess sidien. Il-Medsea hija l-holding company*[30]. Fin-Nota Responsiva tieghu l-konvenut rega' qajjem din il-kwistjoni bis-sottomissjoni li *fuq kollox is-socjetà attrici m'ghandha l-ebda interess guridiku li titlob il-hlas ta' dan l-allegat self, anke jekk stess, u dan minghajr pregudizzju, dan kien self lill-konvenut. Dan ghaliex il-pagament de quo hareg proprjament minn socjetà li m'hijiex is-socjetà attrici. Jekk wiehed jara sew ic-cheque li gie prezentat mis-socjetà attrici biex jippruvaw dan il-pagament, jirrizulta li l-hlas hareg minn socjetà ohra li s-socjetà attrici ssostni li hija sussidjarja taghha (ghalkemm xorta m'hemmx prova ta' dan), izda mhijiex is-socjetà attrici. Ghal dan l-ammont allura se mai kellha tharrek lill-konvenut is-socjetà l-ohra u mhux dik attrici*[31]. Dak sottomess mill-konvenut ma gie bl-ebda mod ribattut jew kontrastat mis-socjetà attrici minkejja l-fatt, jew ahjar il-principju guridiku li, kwistjoni dwar nuqqas ta' interess guridiku tista' tigi kkunsidrata mill-Qorti *marte proprio* anke minghajr eccezzjoni specifika f'dak is-sens.

[28] Vide xhieda ta' Anthony Vassallo moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2008, fol. 27 sa' tal-process u waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, fol. 126 sa' 129 tal-process.
[29] Vide xhieda ta' Elton Borg moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2008, fol. 20 sa' 23 tal-process.
[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fol. 131 sa' 133 tal-process.
[31] Nota Responsiva tal-konvenut, fol. 168 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti tali fatt, ossia li s-somma ta' Lm500 thallset minn Medsea Shipping Agency u mhux mis-socjetà attrici, fin-nuqqas ta' prova li tiggustifika ir-raguni ghalfejn it-talba ghar-refuzjoni tas-somma bilancjali ta' Lm400 qed issir mis-socjetà attrici, serjament jimpingi fuq is-success tat-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmija somma bilancjali ta' Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75, in kwantu kjarament is-socjetà attrici ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg biex tavvanza tali pretensjoni fil-konfront tal-konvenut. Fir-rigward issir referenza ghall-principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *sabiex persuna tirradika d-dritt li tistitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. … Fl-assenza ta' dan ir-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsegwenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur*[32].

Trattata din il-kwistjoni jifdal issa li tigi trattata l-pretensjoni tas-socjetà attrici ghall-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' Lm2,130, illum ekwivalenti ghal €4,961.56, imhallsa lil Paul Wadsworth.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà attrici tissottometti li *mill-provi* - senjatament mix-xhieda ta' Claudette Mifsud u ta' Elton Borg – *ghandu wkoll jirrizulta car illi l-konvenut fil-veste tieghu personali ikkuntratta ma' l-attrici u ta istruzzjonijiet lill-attrici biex taghmel versament favur Paul Wadsworth. … Jirrizulta li n-negozjati u l-business sadanittant dejjem sar mas-Sur Camilleri illi, wara li ra li l-prezzijiet offerti minn kumpanniji ta' l-ajru ma kienux skontu tajbin, sab il-kuntatt ta' Woodsworth hu stess u ta istruzzjonijiet lill-kumpannija attrici biex taghmel pagament lil dan ta' l-ahhar*[33]. Huwa evidenti ghalhekk li s-socjetà attrici tikkontendi li hija hallset lil Paul Wadsworth fuq inkarigu tal-konvenut u proprio ghaliex l-inkarigu inghata minnu tippretendi minghandu l-hlas lura tal-flus imhallsa lil Wadsworth li flok ma onora l-parti tal-ftehim tieghu, sparixxa bil-flus.

Fil-fehma tal-Qorti però tali pretensjoni tas-socjetà attrici hija guridkament zbaljata.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien jorganizza gruppi biex jattendu attivitajiet sportivi barra minn Malta. Filwaqt li huwa kien jiehu hsieb l-akkomodazzjoni u t-trasport, huwa kien jirreferi ghand is-socjetà attrici, socjetà ta' l-ivvjaggar, biex din tiehu hsieb it-titjiriet. Minn dan jirrizulta li s-socjetà attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni guridika bejniethom vis-à-vis it-tijiriet, b'dana però li s-socjetà attrici kellha relazzjoni guridika apparti mal-

[32] Cecil Pace et pro et noe v. Emanuel A. Bonello pro et noe, Appell Civil Nru. 828/88 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Settembru 2004.
[33] Fol. 157 u 158 tal-process.

kumpanija ta' l-ajru li maghha tkun waslet fi ftehim dwar titjira partikolari mehtiega mill-konvenut. Fir-rigward ta' attività partikolari li kellha tinzamm f'Manchester, il-konvenut rega' rrefera ghal ghand is-socjetà attrici biex din torganizzalu t-titjiriet. L-arrangament kien illi s-socjetà attrici iggib il-prezz tat-titjira tramite il-kuntatti tahgha, thallas depozitu biex tassigura it-tijira u meta l-konvenut jigbor il-hlasijiet minghand il-komponenti tal-grupp li kien se jitla' ghal din l-attività huwa jirrifondi u jhallas lis-socjetà attrici[34]. Meta l-konvenut ra li l-prezzijiet li s-socjetà attrici ottjeniet ghal din it-titjira partikolari ghal Manchester kienu gholjin wisq, huwa rnexxielu jottjeni kuntatt ta' persuna – senjatament Paul Wadsworth – illi offra titjira charter ghal Manchester versu l-prezz ta' Lm71.00 ghal kull *seat*[35]. Il-konvenut ghadda din l-informazzjoni lil Claudette Mifsud, Travel Manager mas-socjetà attrici, li ftit jiem wara avvanzat il-pagament ta' Lm2,130 mitlub minn Paul Wadsworth[36]. Mal-hlas ta' dan id-depozitu skattat ir-relazzjoni guridika bejn is-socjetà attrici u dan Wadsworth, f'liema relazzjoni guridika, partikolarment in kwantu rigwarda hlasijiet jew refuzjonijiet, ma jiffigura bl-ebda mod il-konvenut.

Huwa veru li kien il-konvenut li ottjena l-kuntatt ta' Paul Wadsworth, huwa veru wkoll li l-konvenut ottjena l-offerta minghand Paul Wadsworth imma huwa daqstant veru wkoll li l-intervent dirett tal-konvenut fil-vicenda waqaf hemmhekk, ghall-inqas sakemm imbaghad inqalghu l-problemi ma' dan Wadsworth. In effetti l-konvenut semplicement ghadda l-informazzjoni li tah Paul Wadsworth lil Claudette Mifsud ghas-socjetà attrici u kienet din l-istess Claudette Mifsud ghas-socjetà attrici li kompliet tikkuntratta ma' dan Wadsworth meta talbitu d-dettalji tieghu, inkluzi dettalji bankarji tieghu, biex ikun jista' jsir il-hlas in accettazzjoni ta' l-offerta maghmula minnu[37]. L-ghoti ta' l-informazzjoni da parte tal-konvenut lil Claudette Mifsud bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhala istruzzjonijiet da parte tal-konvenut lill-istess Claudette Mifsud jew lis-socjetà attrici biex effettivament taccetta dik l-offerta u tipprocedi bil-hlas. Id-decizjoni li l-offerta ta' Paul Wadsworth tigi milqugha ittiehdet esklussivament minn naha ta' Mifsud u/jew tas-socjetà[38]. Ghalkemm huwa minnu li meta deher li l-flus thallus lil dan Paul Wadsworth izda huwa ma wettaqx il-parti tieghu tal-ftehim dwar it-titjira ghall-Manchester, il-konvenut intervjena u kitiblu direttament, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut assuma, iggarantixxa u/jew ikkonferma xi obbligu ghall-hlas jew refuzjoni tas-somma ta' Lm2,130 vis-à-vis is-socjetà attrici[39].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur vis-à-vis il-pretensjoni ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,130, illum ekwivalenti ghal €4,961.56, imhallsa lil Paul Wadsworth.

---

[34] Vide xhieda moghtija minn Claudette Mifsud waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, fol. 120 tal-process.
[35] Vide fol. 38 tal-process.
[36] Fol. 38 u 39 tal-process u fol. 25 tal-process.
[37] Fol. 40 tal-process.
[38] Fol. 50 u 51 tal-process.
[39] J&C Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et, Citaz. Nru. 1499/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.

Ghal kull buon fini jigi osservat li mid-dokument Dok. "EB1" a fol. 25 tal-process u mill-email ta' Claudette Mifsud lil Paul Wadsworth datata 29 ta' Dicembru 2012 a fol. 50 u 51 tal-process, jirrizulta li l-hlas tas-somma ta' Lm2,130 gie effettwat mis-socjetà Med Sea Shipping Agency Ltd. u mhux mis-socjetà attrici. F'dan il-kaz ukoll, fid-dawl ta' tali fatt u fid-dawl tan-nuqqas ta' prova li tiggustifika l-fatt li t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmija somma giet avvanzata mis-socjetà attrici u mhux mis-socjetà li effettivament harget il-flus, it-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas jew refuzjoni ta' tali ammont fi kwalunkwe kaz ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;
2. Tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu rigwarda l-pretensjoni attrici ghall-hlas tas-somma ta' €4,961.56, ekwivalenti ghal Lm2,130, imhallsa lil Paul Wadsworth;
3. Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju wkoll in kwantu rigwarda l-pretensjoni attrici ghar-refuzjoni tas-somma ta' €931.75, ekwivalenti ghal Lm400, rapprezentanti bilanc mis-somma ta' Lm500 li kienet inghatat lill-konvenut b'self mis-socjetà Medsea Shipping Agency Ltd.;
4. Tilqa' in parte t-tielet u raba' eccezzjonijiet tal-konvenut; u
5. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-konvenut limitatament fis-somma ta' €628.92, ekwivalenti ghal Lm270, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' €628.92 rapprezentanti servizzi ta' vjaggar u assikurazzjoni minnha prestati lilu personalment, bl-imghax legali dekoribbli mis-7 ta' Jannar 2008, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-konvenut, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati in kwantu ghal 7/8 mis-socjetà attrici u 1/8 mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**